MALTA

**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**
**ONOR. IMĦALLEF**
**LAWRENCE MINTOFF**

**Seduta tat-8 ta' Ottubru, 2015**

Rikors Maħluf Nru: 257/15 LM

**United Automobile Limited (C5845) u b'digriet tat-12 ta' Mejju, 2015 żdiedu l-kliem "ġiet amalgamata mas-soċjetà United Group Limited (C10233)"**

**vs.**

**Adrian Vella (117686M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf ta' **United Automobile Limited (C5845) li ġiet amalgamata mas-soċjetà United Group Limited (C10233)** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà attriċi") ikkonfermat bil-ġurament ta' Edmund Gatt

Baldacchino debitament awtorizzat, li bih eppremetta u għamel is-segwenti talbiet:

1. *Illi fit-30 ta' Diċembru, 2008 is-soċjetà rikorrenti daħlet fi ftehim biex tbiegħ vettura ("il-Vettura") lil Adrian Vella (117686M) għall-prezz ta' €18,643 (kopja tal-ftehim immarkata bħala Dok. "A") ("Il-Ftehim");*

2. *Illi l-partijiet kienu fthiemu li jsir depożitu u li l-kumplament tal-ħlas isir bin-nifs. Għalhekk il-konvenut ħallas l-ammont ta' €7,000 fl-istess ġurnata li daħlu fil-ftehim bil-patt li l-bilanċ ta' €11,634 (ħdax-il elf, sitt mija u erbgħa u tletin Euro) jitħallas bin-nifs, kull xahar fuq medda ta' tnejn u sebgħin (72) xahar;*

3. *Illi l-konvenut baqa' ma ħallasx l-ammont kollu kif dovut minnu, anki wara li saru diversi interpellazzjonijiet mis-soċjetà rikorrenti, inkluż il-ħruġ ta' mandat ta' sekwestru (numru 2437/12) u għad fadal somma pendenti ta' €3,691.47 (tlett elef, sitt mija u wieħed u disgħin Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmi);*

4. *Illi minkejja l-fatt li s-soċjetà rikorrenti għadha l-proprjetarja tal-Vettura minħabba l-kundizzjonijiet tal-Ftehim (ara klawsola 5(a)), il-konvenut qed ikompli jagħmel użu mill-Vettura illi qed titlef mill-valur tagħha għall-iżvantaġġ tal-istess soċjetà esponenti;*

5. *Illi s-soċjetà rikorrenti qed tiftaħ din il-kawża biex tieħu lura l-pussess tal-Vettura kif inhu d-dritt tagħha skont il-klawsola 5(a)(i) tal-Ftehim; u biex il-Vettura tiġi ttrasferita, tramite l-log book, lura f'isimha ħalli tkun tista' tiġġestixxi u/jew tuża l-Vettura bħala sid tal-istess.*

*Għaldaqstant, jgħid l-konvenut (recte) għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandiex (prevja kull dikjarazzjoni meħtieġa):*

i. *Tiddikjara u tordna illi, minħabba li l-konvenut baqa' inadempjenti milli jagħmel il-ħlas dovut, il-Vettura għandha terġa' taqa' taħt il-pussess tas-soċjetà rikorrenti skont il-klawsola 5(a)(i) tal-Ftehim; u*

ii. *Għaldaqstant, u in vista tal-ewwel talba, tordna t-trasferiment tad-dettalji fil-log book sabiex dan isejjaħ lis-soċjetà rikorrenti minflok id-dettalji kurrenti (recte) ta' Adrian Vella, f'qasir żmien, jew tieħu dawk il-provvedimenti kollha li jidhrilha opportuni sabiex isir dan it-trasferiment f'isem is-soċjetà rikorrenti; u*

iii. *Minħabba n-natura tal-oġġett, tordna li l-Vettura tinżamm fil-pussess tas-soċjetà rikorrenti waqt is-smigħ tal-kawża quddiem din l-Onorabbli Qorti a tenur tal-Artikolu 949(1) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta jew tieħu dawk il-provvedimenti opportuni sabiex il-Vettura ma tkomplix iġġarrab iktar ħsarat sabiex il-valur, kemm jista' jkun ma jonqosx.*

*Bl-ispejjeż u b'riżerva għal kull talba oħra li jista' jkollha s-soċjetà rikorrenti fiċ-ċirkustanzi.*

Rat il-verbal tas-seduta tal-4 ta' Mejju, 2015 fejn ġie ddikjarat illi minkejja li l-konvenut **Adrian Vella** kien debitament notifikat (ara a fol. 8 retro tal-proċess), dan naqas li jippreżenta risposta maħlufa u għalhekk kien kontumaċi.

Rat l-atti kollha tal-kawża, inkluż l-affidavit ta' Edmund Gatt Baldacchino in rappreżentanza tas-soċjetà attriċi (a fol. 12 tal-proċess).

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn l-avukat difensur tas-soċjetà attriċi rrimetta ruħu għall-atti tal-kawża, iddikjara li m'għandux aktar provi xi jressaq u talab li l-kawża titħallas għas-sentenza.

Rat il-verbal tas-seduta tad-29 ta' Mejju, 2015 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza.

Billi l-konvenut naqas għal kollox milli jidher f'dawn il-proċeduri, ma setax jipprevalixxi ruħu mill-fakultà li tipprovdilu l-liġi bl-Artikolu 158(10) tal-Kap. 12, li għad li kien kontumaċi seta' jagħmel sottomissjonijiet bil-miktub biex jiddefendi ruħu kontra t-talbiet tas-soċjetà attriċi.

**Ikkunsidrat:**

Il-kwistjoni bejn il-kontendenti hija dwar bilanċ ta' prezz ta' €3,691.47 li għadu ma tħallasx mill-konvenut lis-soċjetà rikorrenti, għall-bejgħ tal-Opel Corsa 3D Sport 1400 Chassis No. W0L0SDL0894044361 (il-Vettura) ai termini ta' *hire-purchase agreement* li kien ġie ffirmat bejn il-kontendenti fit-30 ta' Diċembru, 2008 (il-Ftehim).

Skont klawsola 3 tal-istess kuntratt, il-proprjetà u t-titolu tal-karozza jibqgħu vestiti fis-soċjetà attriċi ("the owner") u huwa biss meta l-konvenut ("the hire purchaser") iħallas għas-saldu kull ammont dovut (il-bilanċ tal-prezz, iċ-charges kollha, u l-imgħaxijiet) ai termini tal-Ftehim.

Dwar il-*hire purchase agreement* jew inkella kif imsejjaħ f'termini legali *pactum com riservata dominii*, din il-Qorti tagħmel riferiment għas-sentenza **V. Bonnett vs. G. Azzopardi**[1] fejn intqal li:

> *"In-natura intrinsika ta' dan il-kuntratt hija li fih żewg stadji ben distinti. Is-sid tal-oġġett jittrasferixxi lill-kerrej l-użu u l-pussess tal-oġġett għall-kirja speċifika, b'dan li l-proprjetà tal-oġġett ma tgħaddix ghand ix-xerrej sakemm il-prezz ma jkunx imħallas kollu. Il-venditur jibqa' legalment konsidrat li hu s-sid tal-oġġett u l-proprjetà tiegħu ma tgħaddix lill-venditur sakemm il-prezz tiegħu ma jkunx ġie saldat".*[2]

Is-soċjetà attriċi bħala sid ("the owner") il-Vettura rriżervat favur tagħha ċerti drittijiet u jeddijiet għall-eventwalità li l-*hire purchaser* (il-konvenut) jonqos milli jonora l-obbigazzjonijiet tiegħu a tenur tal-Ftehim Skont klawsola 5(a)(i) tal-Ftehim[3] fejn ġie stipulat dan illi ġej:

> *"5. Should the hire purchaser default in any of his commitments and undertakings as per this agreement and/or upon the*

---

[1] AK deċiża fit-28 ta' Gunju 1922.

[2] Ara ukoll is-sentenzi **G. Degiorgio vs. E. Micallef** (AĊ deċiża fis-16 ta' Diċembru 1936 (Vol XXIX.i.1438)); **Negozjant Alfredo Muscat vs. G Bonnici et** (AĊ deċiża fit-8 ta' Frar 1935 (Vol XXIX.i.89)); **Lieutenant Colonel Robert Strickland vs. David Shepherd** (AĊ deċiża fil-21 ta' Jannar 1951 (Vol XXXV.iii.530)).

[3]

*determination of this agreement under, the last preceding clause, the owner shall have the right:*

*(a) to enforce the payment of any rent due up to the whole sum (capital and interest subject to clause 2(iv)) leaving the vehicle to the said Mr. Adrian Vella to withdraw the vehicle from the possession of the hire purchaser, provided that in such case:*

*(i) The hire purchaser is hereby empowering the owner to retrieve the vehicle, to tow or drive and repossess himself of the same, even without giving prior notice. The owner reserves the right to value the vehicle immediately, in which case the hire purchaser shall pay to the owner the differences between the balance due and the value of the vehicle as valued by the owner after taking into account any hire rent previously paid by the hire purchaser."*

Mill-atti tal-kawża, ċjoè mir-Rikors Maħluf innifsu u mill-affidavit ta' Edmund Vella Baldacchino, jirriżulta illi fl-ambitu tal-Ftehim il-konvenut għad fadallu jħallas lis-soċjetà attriċi l-bilanċ pendenti ta' €3,691.47 u li l-konvenut beda jaqbeż il-pagamenti fuq il-kambjali fl-2010, sentejn wara li xtara l-Vettura mingħand is-soċjetà attriċi. Ai termini tal-Ftehim is-soċjetà attriċi għandha dritt f'dawn iċ-ċirkostanzi bħala s-sid tal-Vettura li tieħu lura l-pussess tagħha mingħajr il-ħtieġa ta' ebda pre-avviż lill-konvenut.

Għal dawn il-motivi u fil-kontumaċja tal-konvenut, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi kif ġej:

**Decide**

**Billi fil-kontumaċja tal-konvenut u mill-provi jirriżulta li t-talbiet dedotti fir-Rikors Maħluf huma mistħoqqa. Għalhekk qiegħda:**

**i. Tiddikjara u tordna illi, minħabba li l-konvenut Adrian Vella baqa' inadempjenti milli jħallas għas-saldu l-ħlas kollu dovut ai termini tal-Ftehim lis-soċjetà attriċi, il-Vettura għandha terġa' taqa' taħt il-pussess tas-soċjetà attriċi skont il-klawsola 5(a)(i) tal-Ftehim; u**

**ii. Għaldaqstant, in vista li ġiet milqugħha l-ewwel talba, tordna biex fi żmien ġimgħatejn mil-lum isir it-trasferiment tad-dettalji relattivi fil-log book tal-Vettura (Opel Corsa 3D Sport 1400 Chassis No. W0L0SDL0894044361) sabiex dan isejjaħ lis-soċjetà attrici minflok id-dettalji kurrenti ta' Adrian Vella.**

**iii. Tiddikjara li l-mertu tat-tielet talba ġie eżawrit.**

**L-ispejjeż jitħallsu mill-konvenut.**

Moqrija

--------------------TMIEM---------------------